LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 423.41

REGOLAMENTI DWAR IL-VALUTAZZJONI U L-IMMANIĠĠAR TA' RISKJI TA' GĦARGĦAR*

4 ta' Mejju, 2010

L-AVVIŻ LEGALI 264 tal-2010, kif emendat bl-Avviż Legali 477 tal-2011 u bl-Att XVII tal-2024.

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Valutazzjoni u l-Immanniġġar ta' Riskji ta' Għargħar.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li tiġi trasposta d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immanniġġar ta' riskji tal-għargħar (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) li tistabbilixxi qafas għall-valutazzjoni u l-immanniġġar ta' riskji ta' għargħar, bil-għan li tnaqqas il-konsegwenzi negattivi fuq saħħet il-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika assoċjata mal-għargħar.

Tifsir. *Emendat: XVII.2024.47.*

2. (1) Kliem u frażijiet mhux imfissra f'dawn ir-regolamenti għandhom jiftiehmu skond it-tifsira mogħtija fl-Att.

(2) F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

" l-awtorità kompetenti" tfisser l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma mwaqqfa bl-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma; L.S. 595.08.

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"distrett ta' baċin" tfisser żona ta' art jew baħar, magħmula minn xi qbid wieħed jew aktar ta' ilma qrib flimkien ma' ilmijiet assoċjati magħhom u ilmijiet tal-kosta;

"għargħar" tfisser meta art li normalment ma titgħattiex bl-ilma titgħatta temporanjament bl-ilma. Dan jinkludi l-għargħar minn xmajjar, turrenti tal-muntanji, korsijiet effimeri ta' ilma fil-Mediterran, u għargħar mill-baħar f'żoni kostali, u jeskludi l-għargħar mis-sistemi tad-drenaġġ;

"qbid tal-ilma" tfisser żona ta' art minn fejn kull kull ilma fil-wiċċ inixxi minn sekwenza kurrenti tal-ilma, xmajjar u, possibilment, lagi għal ġol-baħar minn bokka waħda ta' xmara, estwarju jew delta;

"riskju ta' għargħar" tfisser il-kombinazzjoni tal-probabbiltà ta' każ ta' għargħar u tal-konsegwenzi potenzjali negattivi fuq saħħet il-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika assoċjata ma' każ ta' għargħar;

"sotto-baċin" tfisser iż-żona ta' art minn fejn kull ilma fil-wiċċ inixxi minn serje ta' flussi, xmajjar u, possibilment, lagi lejn punt partikolari f'kors tal-ilma (normalment lag jew konfluwenzi ta'

*Dawn ir-regolamenti ġew trasposti għall-Kap 549. Ara L.S. 549.167. Ara Att XVII tal-2024.

xmara);

"xmara" tfisser korp ta' ilma intern li jnixxi bil-parti l-kbira fuq wiċċ l-art imma li jista' jnixxi taħt l-art f'parti mill-kors tiegħu.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kull referenza għad-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jinqraw u jiftiehmu bħallikieku qed issir referenza għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti li jittrasponu d-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva fil-liġi Maltija.

Valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar.

3. (1) L-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar għal kull distrett ta' baċin u unità ta' immaniġġar sat-22 ta' Diċembru 2011. Din il-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar li tagħti valutazzjoni ta' risku potenzjali għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni disponibbli jew faċilment derivabbli, bħal reġistri u studji dwar żviluppi fuq perjodu fit-tul, b'mod partikolari l-impatt tal-bidla fil-klima fuq kif jiġru l-għargħar u għandha tinkludi l-informazzjoni meħtieġa fis-subregolament (2).

(2) Il-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar għandha tinkludi mill-inqas:

(*a*) mapep tad-distretti ta' baċin bi skala adatta li tinkludi l-konfini tal-baċini tax-xmara, sotto-baċini u fejn jeżistu, żoni kostali, li juru t-topografija u l-użu l-art;

(*b*) deskrizzjoni tal-għargħar li seħħew fl-imgħoddi u li kellhom impatti negattivi sinjifikanti fuq saħħet il-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika u li għalihom il-possibbiltà ta' każijiet simili fil-ġejjieni għadha rilevanti, inkluż l-għargħar u r-rotot ta' mogħdija u valutazzjoni tal-impatti negattivi li jkunu ġabu magħhom;

(*ċ*) deskrizzjoni tal-għargħar kollha sinifikanti li seħħew fl-imgħoddi, meta jistgħu jiġu previsti konsegwenzi negattivi sinifikanti f'avvenimenti futuri simili.

(3) L-awtorità kompetenti għandha, fejn ikun ikkunsidrat meħtieġ, b'kollaborazzjoni u bil-kontribut tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti tagħmel evalwazzjoni tal-konsegwenzi negattivi potenzjali tal-għargħar futuri fuq saħħet il-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika, li kemm tista' tikkunsidra kwistjonijiet bħat-topografija, il-pożizzjoni tal-ilma u karatteristiċi idroloġiċi u ġeo-morfoloġiċi ġenerali tagħhom, għargħar bħala żoni naturali ta' żamma, l-effettività ta' infrastrutturi eżistenti magħmula mill-bniedem biex iservu bħala difiża mill-għargħar, il-pożizzjoni taż-żoni abitati, żoni ta' attività ekonomika u żviluppi fit-tul inklużi l-impatti tal-bidla fil-klima fuq għargħar li jiġru.

Identifikazzjoni ta' żoni ta' riskju potenzjali ta' għargħar sinifikanti.

4. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar, l-awtorità kompetenti għandha tidentifika dawk iż-żoni fejn ikun hemm riskju potenzjali ta' għargħar sinifikanti jew li jista' jitqies li x'aktarx iseħħ.

Mapep ta' periklu ta' għargħar. *Emendat: A.L. 477 tal-2011.*

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha tħejji mapep ta' periklu ta' għargħar u mapep tar-riskju ta' għargħar għaż-żoni identifikati skond ir-regolament 4.

(2) Mapep tal-periklu ta' għargħar għandhom ikopru ż-żoni ġeografiċi li jistgħu jegħrqu skond ix-xenarji li ġejjin:

(*a*) għargħar bi probabbiltà baxxa, jew xenarju ta' każ estrem;

(*b*) għargħar bi probabbiltà medja li x'aktarx jirritornaw f'perijodu ta' iżjed minn mitt sena;

(*ċ*) għargħar bi probabbiltà għolja, meta jkun adatt.

(3) Għal kull xenarju msemmi fis-subregolament (2) għandu jintwera dan li ġej:

(*a*) il-limitu tal-għargħar;

(*b*) il-fond jew il-livell tal-ilma, skond il-każ;

(*ċ*) meta jkun hekk adatt, il-veloċità tal-fluss jew il-fluss ta' ilma rilevanti.

(4) Mapep tar-riskju ta' għargħar għandhom juru l-konsegwenzi negattivi potenzjali skond ix-xenarji msemmija fis-subregolament (2) u għandhom ikunu espressi bħala:

(*a*) in-numru indikattiv ta' abitanti li jistgħu jiġu affettwati;

(*b*) it-tip ta' attività ekonomika fiż-żona li tista' tiġi affettwata;

(*ċ*) stallazzjonijiet kif imsemmijin fl-Anness I mad-Direttiva 96/61/KE tal-24 Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll li jistgħu jikkaġunaw tniġġis aċċidentali f'każ ta' għargħar u żoni protetti li jistgħu jiġu affettwati identifikati fl-Anness IV (1) (i), (iii) u (v) tad-Direttiva 200/60/KE;

(*d*) kull informazzjoni oħra li l-awtorità kompetenti tqis li tkun utli, bħall-indikazzjoni ta' żoni fejn għargħar b'kontenut kbir ta' sedimenti trasportati u għargħar bi tkaxkir jista' jseħħ u informazzjoni dwar sorsi sinifikanti oħra ta' tniġġis.

(5) Għal żoni kostali u ż-żoni fejn għargħar jiġi minn sorsi ta' ilma taħt l-art it-tħejjija ta' mapep ta' periklu ta' għargħar għandha tkun limitata għal għargħar bi probabbiltà baxxa jew xenarji ta' avvenimenti estremi:

Iżda għal żoni kostali l-Awtorità għandha tistabbilixxi kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx livell adegwat ta' ħarsien.

(6) Il-mapep ta' periklu ta' għargħar u l-mapep ta' riskju ta' għargħar għandhom jitlestew sat-22 Diċembru 2013.

Pjan għall-immaniġġar ta' riskju ta' għargħar. *Emendat: A.L. 477 tal-2011.*

6. (1) L-awtorità kompetenti għandha tfassal Pjanijiet għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar fuq il-bażi tal-mapep tar-riskju ta' għargħar għal kull żona identifikata skond ir-regolament 4.

(2) Il-Pjan għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar għandu

jinkorpora l-għanijiet għal kull wieħed minn dawn iż-żoni identifikati skond ir-regolament 4, li jiffoka fuq it-tnaqqis tal-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' għargħar għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika u fejn adatt fuq inizjattivi non-strutturali jew fuq it-tnaqqis tal-probabbiltà ta' għargħar.

(3) Il-Pjan għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar għandu jinkludi miżuri sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti skont is-subregolament (2) kif ukoll l-elementi elenkati fl-Iskeda I u għandhom iqisu aspetti rilevanti bħall-ispejjeż u l-benefiċċji, l-għargħar u r-rotot ta' mogħdija għall-għargħar u ż-żoni li għandhom l-potenzjal ta' żamma ta' ilma tal-għargħar, bħal għargħar naturali, l-objettivi ambjentali tal-Artiklu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, il-ħamrija u l-ilma, l-ippjanar spazjali, l-użu tal-art, il-konservazzjoni tan-natura, in-navigazzjoni u l-infrastruttura tal-port.

(4) Il-pjanijiet għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar għandu jindirizza l-aspetti kollha tal-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar u jiffokaw fuq il-protezzjoni, it-tħejjija, inkluż it-tbassir ta' għargħar u sistemi ta' twissija bikrija u waqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-baċin tax-xmara jew sotto-baċin partikolari kif ukoll il-promozzjoni ta' prattiċi sostenibbli, l-użu tal-art, it-titjib ta' żamma tal-ilma kif ukoll l-għargħar ikkontrollat ta' ċerti żoni f'każ li jseħħ għargħar.

(5) Il-pjan għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar għandu jitlesta u jiġi pubblikat sat-22 Diċember 2015.

Implimentazzjoni. *Emendat: A.L. 477 tal-2011.* L.S. 423.20

7. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi effettwata flimkien mar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma, u għandu jiffoka fuq l-opportunitajiet għat-titjib ta' effiċjenza, skambju ta' informazzjoni, sabiex jinkisbu sinerġiji u benefiċċji komuni wara li jiġu kkunsidrati l-objettivi ambjentali stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, b'mod partikolari:

(*a*) l-iżvilupp tal-ewwel mapep ta' periklu ta' għargħar u mapep tar-riskju ta' għargħar u r-reviżjonijiet sussegwenti tagħhom għandhom jitwettqu b'tali mod li l-informazzjoni li jkun fihom tkun konsistenti mal-informazzjoni rilevanti li jappartjenu għar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u għandhom jiġu koordinati ma', u jistgħu jiġu integrati fir-reviżjonijiet previsti fir-regolament 5(2) tal-imsemmija Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma; L.S. 423.20

(*b*) l-iżvilupp tal-ewwel pjan għall-immanniġġar tar-riskju ta' għargħar u r-reviżjonijiet sussegwenti tiegħu għandhom jitwettqu f'koordinazzjoni ma', u jistgħu jiġu integrati ma', ir-reviżjonijiet tal-pjanijiet għall-ġestjoni tal-baċin tax-xmara previsti fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma; L.S. 423.20

(*ċ*) l-involviment attiv tal-partijiet interessati kollha kif mitlub mir-regolament 8 għandu jkun koordinat mal-involviment attiv tal-partijiet taħt ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma. L.S. 423.20

Parte`ipazzjoni pubblika.

8. (1) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli lill-puubliku l-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar, il-mapep tal-periklu ta' għargħar, mapep tar-riskju ta' għargħar u l-pjanijiet għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar.

(2) Il-partijiet interessati għandhom ikunu mħeġġa biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-produzzjoni, reviżjoni u l-aġġornament tal-Pjan għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar.

Reviżjoni.

9. (1) Il-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar għandha tiġi riveduta u jekk meħtieġ aġġornata sat-22 ta' Diċembru 2018 u kull sitt snin wara, filwaqt li jitqies l-impatt probabbli tal-bidla fil-klima fuq kif jiġru l-għargħar.

(2) Il-mapep ta'periklu tal-għargħar u l-mapep tar-riskju tal-għargħar għandhom jiġu riveduti u jekk meħtieġ aġġornati, sat-22 ta' Diċembru 2019, u kull sitt snin wara dik id-data.

(3) Il-pjan għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar għandu jiġi rivedut u, jekk ikun hekk meħtieġ, aġġornat, inkluži l-elementi stipulati fit-Tieni Skeda sat-22 ta' Diċembru 2021, u kull sitt snin wara, filwaqt li jitqies l-impatt probabbli tal-bidla fil-klima fuq l-għargħar li jiġru.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 6(3) - Pjan għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar

I. Komponenti tal-ewwel Pjan għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar:

1. il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar kif meħtieġ skond dawn ir-regolamenti fil-forma ta' mappa sommarja tad-distrett fejn jinġabar l-ilma, jew l-unità ta' maniġġar li tiddelinea ż-żoni identifikati skond ir-regolament 4, li huma s-suġġett ta' dan il-Pjan għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar;

2. mapep tal-periklu ta' għargħar u mapep ta' riskju ta' għargħar u l-konklużjonijiet li jistgħu jittieħdu minn dawk il-mapep;

3. deskrizzjoni tal-għanijiet adatti tal-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar;

4. ġabra tal-miżuri u prijorità lilhom mogħtija bil-għan li jinkisbu l-objettivi adatti tal-immanniġġar tar-riskju ta' għargħar, inklużi l-miżuri meħuda skond ir-regolament 6, u miżuri relatati mal-għargħar meħuda taħt atti Komunitarji oħrajn, inkluż id-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, u d-Direttiva 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' periklu ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu sustanzi perikolużi, id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent u d-Direttiva 2000/60/KE;

5. meta tkun disponibbli, għall-ilqugħ tal-ilma maqsuma jew sotto-baċini, deskrizzjoni tal-metodoloġija, tal-analiżi tal-benefiċċji mqabblin mal-ispejjeż użati sabiex jiġu valutati l-miżuri b'effetti transnazzjonali.

II. Deskrizzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan:

1. deskrizzjoni tal-prijorità mogħtija u l-mod li bih il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ikun ser jiġi monitorjat;

2. sommarju tal-informazzjoni pubblika u miżuri ta' konsultazzjoni meħuda;

3. lista tal-awtoritajiet kompetenti u, hekk kif ikun adatt, deskrizzjoni tal-proċess ta' koordinazzjoni mad-Direttiva 2000/60/KE.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 9(3) - Komponenti tal-aġġornament sussegwenti tal-Pjan għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar:

1. kull bidla jew aġġornament minn wara l-pubblikazzjoni tal-verżjoni preċedenti tal-Pjan għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar, inkluż sommarju tar-reviżjonijiet imwettqa skond ir-regolament 9;

2. valutazzjoni tal-progress li sar lejn il-kisba tal-miri msemmija fir-regolament 6(2);

3. deskrizzjoni u spjegazzjoni għal kull miżura prevista fil-verżjoni preċedenti tal-Pjan għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar li kienet ippjanata li titwettaq u li ma saritx;

4. deskrizzjoni ta' kull miżura addizzjonali minn wara l-pubblikazzjoni tal-verżjoni preċedenti għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar.